# KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Triq il-Kbira San Gużepp

Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664

indirizze: santavenera.lc@gov.mt

Sit elettroniku: http://www.stvenera.gov.mt


**17/19**

**Is-Sbatax (17) -il laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar il-Ħamis 7 t' Novembru, 2013 fil-6.30 ta' filgħaxija**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Stephen Sultana | - | Sindku |
| | Is-Sur Jonathan Brimmer | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Silvio Vella | - | Kunsilliera |
| | Is-Sur Jason Mangani | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj. Elizabeth Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Darren Carabott | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Ranier Busuttil | - | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **Skużat:** | Is-Sur Horace J. Anastasi | - | Kunsillier |

***Aġenda:***

***1. Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ***

1 Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ

1.1 Is-Sur Stephen Sultana qal li kellna ngħajjtu din il-laqgħa minħabba l-fatt li irridu naħtru żagħżugħ/a ta' eta` bejn is-16 u t-18-il sena, sabiex ikun jista jservi ta' ambaxxatur fil-lokalita` ta' Santa Venera.

Din il-persuna trid tinħatar illum biex inżommu mad-*deadline* ta' għada, kif talabna d-Departiment,u konsegwentement tkun mistiedna tattendi għall-konferenza ta' nhar is-Sibt 9 ta' Novembru fit-Teatru Rjal il-Belt Valletta f' 12pm.

Is-Sindku spjega li din il-persuna ser ikollha l-jedd li tkun preżenti fil-laqgħat tal-Kunsill u tipparteċipa mingħajr id-dritt tal-vot.

Is-Sur Sultana ippropona liż-żagħżugħ Gianluca Degabriele u qal li għandu wkoll il-kunsens tal-ġenituri tiegħu biex ikun wieħed mil-prospettivi Ambaxxatur taż-żgħażagħ. Gianluca twieled fl-14 ta' Ġunju 1997 għalhekk huwa eliġibbli.

Is-Sindku stieden lil Kunsilliera preżenti jekk għandhomx lil xi żgħażagħ oħra li jista ikunu nominati għal dan it-titlu pero ma kienx hemm nomini oħra.
Għalhekk is-Sindku staqsa jekk hemmx oġġezzjoni li mill-Kunsill ta' Santa Venera jinħatar Gianluca Degabriele bħala l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ u ma kienx hemm oġġezzjonijiet.

Is-Sur Stephen Sultana ippropona din id-deċiżjoni u s-Sur Silvio Vella issekondaha biex imbgħad kien hemm qbil unanimu.

1.2 *Il-laqgħa intemmet fis-6.45pm.*

Stephen Sultana
Sindku

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Ezekuttiv

Ikkonfermati llum, 18/11/2013